# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 14**

**Avviz. numru 688/00mm**

**Carmela Grech, xebba f'isimha u ghan-nom ta' huha Joseph, imsiefer, Kleofa mart il-mejjet Vincent Grech, Grace mart John Grima, Anne mart Santo Barun, Sylvia mart Anthony Busuttil ahwa Grech, Spira mart Carmelo Caruana, Carrie sive Carmen mart Joseph Camilleri, Isabel mart Oliver Abela u Godfrey ahwa Axiaq, Michael Calleja, Carmen mart Joseph Fuentes, ahwa Muscat, Pauline u Carrie sive Carmen ahwa Cassar, Angela Zerafa, Louis Grech, Antonia Micallef, Josephine Grech, Pauline Borg, Mary Grech u Carmen Alessandro, Emanuel ahwa Grech u d'digriet tat-12 ta' Frar 2001 giet ordnat illi (a) wara l-kelma "Kleofa" jigu kancellati l-kliem "mart il-mejjet Vincent Grech" u sostitwiti bil-kliem "mart il-mejjet Francesco Grech"; (b)**

**fil-hames linja ta' l-istess okkju l-isem "Angelo" jigi kancellat u ssostitwit bil-kelma "Angela"; © fl-ahhar linja wara l-isem "Carmen Alessandro" jizdied l-isem "Emanuel"**

**vs**

**Nazzareno Mercieca u martu Elizabeth**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-23 ta' Mejju 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tordna lill-konvenuti li jizgumbraw mill-fond 148 Sanctuary Street, Zabbar stante illi huma qed jokkupaw l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dana kif gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza moghtija fl-ismijiet Carmela Grech et vs Nazzareno Mercieca ta' l-14 ta' April 2000.

Il-valur lokatizju ta' l-imsemmi fond huwa inqas minn Lm50 fis-sena. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:-

1. Illi preliminarjament l-atturi odjerni jridu jippruvaw illi huma kollha kienu parti fil-kawza citata minnhom stess fl-avviz odjern.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost mhuwiex minnu li s-sentenza citata mill-atturi kienet giet deciza fil-konfront taz-zewg konvenuti fil-kawza odjerna u ghalhekk l-atturi odjerni ma jistghux jikkwotaw l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-konvenuta Elizabeth Mercieca.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar 2001 fejn ordnat korrezzjonijiet fl-okkju tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell ta' l-14 ta' April 2000 gie ordnat l-isgumbrament tal-konvenut Nazzareno Mercieca mill-fond indikat fl-avviz u cioe' 148 Sanctuary Street, Zabbar.

L-istess konvenut xehed a fol 27 illi huwa jaf bis-sentenza u jaf ukoll illi huwa m'ghandu l-ebda dritt jibqa jokkupa dan l-imsemmi fond. Igib bhala skuza l-fatt illi xi sena u nofs ilu mietet ommu u mbaghad martu giet toqghod mieghu u ghalhekk ma hemmx gudikat fil-konfront taghha.

Il-Qorti tirrileva illi meta nghatat is-sentenza imsemmija kien il-konvenut Nazzereno Mercieca illi kien qed jokkupa d-dar. Il-fatt illi sussegwentement giet martu biex toqghod hemmhekk ma jbiddilx in-natura legali ta' din l-okkupazzjoni. Gara x'gara bejn il-konjugi ma huwiex ta' interess ta' din il-Qorti. Il-fatt jibqa' li l-okkupazzjoni tal-fond minn Nazzareno Mercieca kien u ghadu wiehed illegali. Il-Qorti mhix ser tidhol fil-konsiderazzjonijiet ghaliex din l-okkupazzjoni hija wahda illegali peress illi dana tinsab meritu tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija u ghalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda skuza jew gustifikazzjoni ghaliex il-konvenut u sussegwentement martu ghandhom jibqghu jokkupaw dan il-fond.

L-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma pjuttost neboluzi, izda principalment qieghdin ighidu illi peress illi fil-Qorti ta' l-Appell ma kienetx prezenti l-konvenuta Elizabeth Mercieca, quindi ma kienx hemm gudikat fil-konfront taghha. Verament il-Qorti difficli tikkonsidra din l-eccezzjoni. Kif gia nghad, il-konvenuta Elizabeth Mercieca ma kienetx qed toqghod mal-konvenut l-iehor Nazzareno Mercieca fiz-zmien li nghatat is-sentenza mill-Qorti ta' l-Appell, pero' dina, ghad insaputa ta' l-atturi marret toqghod mal-konvenut u ghalhekk setghet tistrieh fuq l-istess drittijiet u obbligi li huwa kellu. Bis-sentenza fuq imsemmija dawn id-drittijiet u obbligi gew imnehhija u gie dikjarat kategorikament illi Nazzareno Mercieca ma ghandhu l-ebda dritt jibqa jokkupa dan il-fond.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-fatt illi martu Elizabeth marret toqghod mieghu wara s-sentenza msemmija, ma tbiddilx in-

natura ta' din id-decizzjoni. Jekk Nazzareno Mercieca jirrikonoxxi illi huwa m'ghandu l-ebda dritt jibqa jokkupa dan il-fond, dan ir-rikonoxximent jaqa' wkoll fuq l-okkupanti l-ohra tal-fond li f'dan il-kaz hija l-konvenuta. Ma rrizultax mill-atti illi l-konvenuta qieghdha tippretendi xi titolu separat u indipendenti u li ma giex vantant mill-konvenut l-iehor. Kif gia nghad, kif il-Qorti ta' l-Appell ma ghamlet l-ebda gudikat fil-konfront tal-konvenuta ma jfissirx li dina tista tibqa' tokkupa dan il-fond meta t-titolat ta' l-okkupazzjoni tilef kull dritt ghalih.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza jizgumbraw mill-fond 148 Sanctuary Street, Zabbar stante illi huma qed jokkupaw l-istess minghajr ebda titolu validu fil-ligi u dana kif gie deciz mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza moghtija fl-ismijiet Carmela Grech et vs Nazzareno Mercieca ta' l-14 ta' April 2000. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg